

Brussell, 22 ta' Mejju 2017
(OR. en)

XT 21023/17

BXT 31
INF 100
API 73

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Prinċipji gwida għal trasparenza fin-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt nota li tistabbilixxi prinċipji gwida għal trasparenza fin-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE kif approvata mill-Coreper (Art.50)¹ fis-17 ta' Mejju 2017.

o

o o

¹ Wara n-notifika skont l-Artikolu 50 TUE, il-membri tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru li jkun hien għandux jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kunsill jew fid-deċiżjonijiet li jikkonċernawh.

PRINĊIPJI GWIDA GĦAL TRASPARENZA
FIN-NEGOZJATI SKONT L-ARTIKOLU 50 TUE

In-negożjati li ġejjin mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50 TUE huma sitwazzjoni bla preċedent għall-Unjoni, mhux l-inqas mil-lat tal-iskrutinju u l-interess pubbliċi qawwija li leġittimament ser iqajmu fiċ-ċittadini, l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri kif ukoll fil-pajjiżi sħab.

Li jiġi żgurat li n-negożjati jitwettqu b'mod trasparenti ser ikun wieħed mill-elementi prinċipali tas-suċċess tagħhom. Il-linji gwida tal-Kunsill Ewropew jikkonfermaw b'mod ċar dan il-prinċipju billi jispeċifikaw li n-negożjati skont l-Artikolu 50 TUE ser jitwettqu bi trasparenza. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li approċċ koerenti tal-UE lejn l-arranġamenti ta' trasparenza għan-negożjati jkun iddefinit bir-reqqa ferm qabel il-bidu formali tan-negożjati.

Din in-nota tippreżenta sett ta' prinċipji gwida għal trasparenza għall-proċess kollu tan-negożjati skont l-Artikolu 50 TUE. Dawn il-prinċipji għandhom l-għan li jiffaċilitaw skrutinju pubbliku effettiv u jipprovdu fluss kostanti ta' informazzjoni pubblika matul in-negożjati filwaqt li jippreservaw l-ispazju biex jiġu mfassla l-pożizzjonijiet tal-UE u jsiru n-negożjati mar-Renju Unit.

Prinċipji għal trasparenza fin-negożjati skont l-Artikolu 50 TUE

- **In-negożjatur tal-Unjoni huwa mistieden iżomm kuntatt maċ-ċittadini, il-parlamenti nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati, u jipprovdi informazzjoni aċċessibbli direttament u f'waqtha lill-pubbliku b'mod partikolari dwar is-serje ta' negozjati.** Dan jista' jinkludi konferenzi stampa regolari u materjali oħra ta' informazzjoni.
- **Il-Parlament Ewropew ser jinżamm infurmat mill-qrib u regolarment tul in-negożjati min-negożjatur tal-Unjoni,** inkluż permezz tat-trażmissjoni ta' dokumenti ta' negozjar b'mezzi adatti u f'konformità mar-regoli u l-prattiki applikabbli. Barra minn hekk, ser ikun hemm kuntatti regolari bejn il-Presidenza b'rotazzjoni u r-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari qabel u wara l-laqgħat tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Art.50).

- **L-Istati Membri b'arranġamenti kostituzzjonali li jesiġu li jittrasmettu dokumenti lill-Parlamenti Nazzjonali tagħhom ser ikunu jistgħu jagħmlu dan skont ir-regoli u l-prattiki tal-Unjoni u daww nazzjonali applikabbli u mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.**
- **Pajjiżi terzi sħab (partikolarment iż-ŻEE) u organizzazzjonijiet internazzjonali ser ikunu aġġornati kif xieraq min-negozjatur tal-Unjoni dwar il-progress fin-negozjati mar-Renju Unit. Il-Kunsill (Art.50) u l-korpi preparatorji (Art.50) tiegħu ser ikunu debitament infurmati f'dan ir-rigward.**
- **Ir-regoli dwar it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti ser japplikaw għad-dokumenti kollha tal-Kunsill fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu 50 TUE. Wara valutazzjoni skont il-każ, ċerti dokumenti jistgħu jiġu rilaxxati b'mod proattiv lill-pubbliku mill-Kunsill (Art.50) u l-korpi preparatorji (Art.50) tiegħu. Dokumenti oħrajn tal-Kunsill fil-prinċipju ser jiġu mmarkati bħala "LIMITE". Applikazzjonijiet inizjali għal aċċess għal dokumenti ser jiġu ttrattati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u applikazzjonijiet konfermatorji mill-Kunsill (Art.50) u l-korpi preparatorji (Art.50) tiegħu, meġġuna minn esperti nazzjonali dwar it-trasparenza u l-aċċess pubbliku għal dokumenti u f'konformità mar-regoli applikabbli, inkluż eċċezzjonijiet, previsti mid-dritt tal-UE.**
- **L-ewwel verżjonijiet tal-linji gwida tal-Kunsill u d-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill, u l-verżjonijiet sussegwenti, ser ikunu disponibbli għall-pubbliku immedjatament wara l-adozzjoni formali tagħhom mill-Kunsill Ewropew u/jew il-Kunsill². Sakemm jiġu adottati b'mod formali, dawn id-dokumenti fil-prinċipju ser jiġu mmarkati bħala "LIMITE".**
- **Għandu jiġi nnutat li d-dokumenti ta' negozjar tal-Kummissjoni kondiviżi min-negozjatur tal-Unjoni mal-Istati Membri tal-UE / il-Kunsill Ewropew / il-Kunsill / il-Parlament Ewropew / il-Parlamenti Nazzjonali / ir-Renju Unit ser ikunu rilaxxati għall-pubbliku min-negozjatur tal-Unjoni, fil-limiti tad-dritt tal-UE.**

² Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-reġim ta' trasparenza applikabbli għal negozjati oħrajn.

- **L-Istati Membri ser jiġu kkonsultati dwar id-dokumenti ta' negozjar li jridu jintbagħtu lill-Renju Unit, f'konformità mal-arranġamenti proċedurali applikabbli għat-tmexxija tan-negozjati. Id-dokumenti kollha tar-Renju Unit li jaslu għand in-negozjatur tal-Unjoni, ser jintbagħtu lill-Kunsill (Art.50) u l-korpi preparatorji (Art.50) tiegħu permezz tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.**
- **Dokumenti li joriġinaw mill-Istati Membri jistgħu jiġu divulgati skont il-każ, soġġett għal qbil minn qabel min-naħa tal-Istat Membru minn fejn joriġinaw u f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE. Dokumenti ta' partijiet terzi oħra jistgħu jiġu divulgati skont il-każ, soġġett għal konsultazzjoni minn qabel tal-awtur u f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE.**

Huwa nnutat li l-elementi tal-prinċipji li jirreferu għan-negozjatur tal-Unjoni huma approvati wkoll mill-Kummissjoni.

Tipoloġija tad-dokumenti użati fin-negożjati skont l-Artikolu 50 TUE u r-reġim ta' trasparenza rilevanti

Fil-kuntest tan-negożjati mar-Renju Unit ser jintużaw u jiġu diskussi tipi differenti ta' dokumenti mill-Kunsill (Art.50) u l-korpi preparatorji (Art.50) tiegħu. Id-dokumenti ser joriġinaw minn sorsi differenti u jiġu indirizzati lil destinatari differenti. L-Anness li ġej jistabbilixxi tipoloġija ta' dokumenti u jissuġġerixxi reġim ta' trasparenza adegwat għal kull wieħed minnhom, f'konformità mal-prinċipji elenkati hawn fuq.

• **REĠIM TA' TRASPARENZA GĦAL DOKUMENTI TAL-KUNSILL (Art.50)**

DOKUMENT TAL-KUNSILL (Art.50)			
Oriġinatur	Tipi possibbli ta' dokumenti	Destinatarju	Divulgazzjoni
KUNSILL (Art.50) inkluż SĠK / PRESIDENZA B'ROTAZZJONI / KORPI PREPARATORJI (Art.50)	- Linji gwida tal-Kunsill Ewropew - Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negożjati u li tinnomina negozjatur tal-Unjoni - Direttivi ta' negozjar tal-Kunsill ³	Delegazzjonijiet u negozjatur tal-Unjoni permezz tas-SĠK	Pubbliċi mill-mument tal-adozzjoni formali
	Aġendi tal-laqgħat u konvokazzjonijiet tal-Coreper (Art.50), il-KAĠ (Art 50) u l-Kunsill Ewropew (Art.50)	Delegazzjonijiet u negozjatur tal-Unjoni permezz tas-SĠK	Pubbliċi
	Noti lil GtH/Coreper/KAĠ/EUCO(Art.50)/Dokumenti ta' gwida għan-negożjatur tal-Unjoni u proposti ta' kompromess/Opinjonijiet mis-Servizz Legali tal-Kunsill, eċċ.	Delegazzjonijiet u negozjatur tal-Unjoni permezz tas-SĠK	Valutazzjoni skont il-każ f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE

³ Dan huwa mingħajr preġudizzju għar-reġim ta' trasparenza applikabbli għal negożjati oħrajn.

REĠIM TA' TRASPARENZA GĦAL DOKUMENTI LI JORIĠINAW MINN PARTIJET TERZI

DOKUMENTI LI JORIĠINAW MINN PARTIJET TERZI (ISTITUZZJONIJIET, KORPI, PARTIJET IKKONĊERNATI OĦRA, eċċ.)			
Oriġinatur	Tipi possibbli ta' dokumenti	Destinatarju	Divulgazzjoni
NEGOZJATUR TAL-UE (KUMMISSJONI)	- Rakkommandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati u li tinnomina negozjatur tal-Unjoni - Rakkommandazzjoni għal Direttivi ta' Negozjar tal-Kunsill	Delegazzjonijiet permezz tas-SĠK	Isiru pubbliċi min-negozjatur tal-Unjoni
	Dokumenti ta' negozjar: pereżempju Aġendi għal serje ta' negozjati / dokumenti ta' pożizzjoni tal-UE / dokumenti informali / proposti għat-test tal-UE eċċ.	Stati Membri tal-UE / PE / Parlamenti Nazzjonali / Renju Unit	Isiru pubbliċi min-negozjatur tal-Unjoni fil-limiti tad-dritt tal-UE
	Informazzjoni ġenerali / materjal għall-istampa, eċċ.	Pubbliku ġenerali	Isiru pubbliċi min-negozjatur tal-Unjoni
STATI MEMBRI (għajr ir-Renju Unit)	Dokumenti informali / dokumenti ta' pożizzjoni, eċċ.	Delegazzjonijiet u negozjatur tal-Unjoni permezz tas-SĠK	Valutazzjoni skont il-każ soġġetta għal qbil minn qabel tal-Istat Membru rigward id-divulgazzjoni possibbli, f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE

**DOKUMENTI LI JORIĠINAW MINN PARTIJIET TERZI (ISTITUZZJONIJIET, KORPI, PARTIJIET
IKKONĊERNATI OĦRA, eċċ.)**

Orìginatur	Tipi possibbli ta' dokumenti	Destinatarju	Divulgazzjoni
RENJU UNIT	Dokumenti li joriġinaw mir-Renju Unit (pożizzjonijiet, abbozzi ta' proposti, dokumenti informali, eċċ)/ abbozzi ta' proposti tar-Renju Unit għal dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' ħruġ	Negożjatur tal-UE (kondiviżi mad-delegazzjonijiet permezz tas-SĠK)	Valutazzjoni skont il-każ soġġetta għal konsultazzjoni minn qabel rigward id-divulgazzjoni possibbli, f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE
ISTITUZZJONIJIET, KORPI U PARTIJIET IKKONĊERNATI OĦRA	Dokumenti li joriġinaw minn partijiet terzi (pożizzjonijiet, abbozzi ta' proposti, dokumenti informali, eċċ)	Negożjatur tal-UE u/jew delegazzjonijiet permezz tas-SĠK	Valutazzjoni skont il-każ soġġetta għal konsultazzjoni minn qabel mal-awtur rigward id-divulgazzjoni possibbli, f'konformità mar-regoli u l-eċċezzjonijiet applikabbli skont id-dritt tal-UE